~~żiż ta' Malta. Ibagħtli "Malta Qadima", dak li għandna d-dar, m'hux issa, imma meta ngħidlek li mort Nazaret, għax hawn għandi biex inħabbat rasi ż-żejjed.~~

~~Insellì għalikom ħafna. Ibqgħu itolbu għalija. Għandi mitt sena sa kemm narġa' nara Nazaret u ngħix għal ftit ieħor fejn għex Ġesù meta kien daqsi.~~

~~Ħuk iż-żgħir,~~

~~ELSIE.~~

# IL-PATRI ĠENERAL TAL-FRANĠISKANI

## JŻUR L-ART IMQADDSA

X'jiġifieri *Patri Ġeneral,* l-ewwel nett? Patri Ġeneral tfisser dak il-Patri li jkun rajjes tal-Patrijiet kollha ta' l-Ordni tiegħu. Għalhekk, Patri Ġeneral *tal-Franġiskani* tfisser dak il-Patri li jikkmanda l-Patrijiet kollha ta' "Ġieżu" fid-dinja kif iddur. L-ewwel Ġeneral kien San Franġisk ta' Assisi, u l-Ġeneral tal-lum huwa dan li aħna nsemmu: Patri Agostin Sepinski, O.F.M.

Dan hu t-tielet Ġeneral tal-Franġiskani li żar l-Art Imqaddsa, wara San Franġisk. L-ewwel wieħed kien ir-Rev.mu P. Luigi Canali, O.F.M., li mar hemm f'April 1893, u t-tieni r-Rev.mu P. Leonardo Bello, O.F.M., li żarha f'Marzu 1934.

Għal fejn mar il-Palestina, il-Patri Ġeneral? Mar, bejn wieħed u ieħor għal dak il-għan li għalih xi sultan imur idur dawra u jiftaqad l-artijiet tas-saltna tiegħu. Għax id-dehra tal-kbir tagħti s-saħħa liż-żgħar. Hekk, bil-mawra tiegħu fl-Art Imqaddsa, il-P. Ġeneral Sepinski ra b'għajnejh il-ħidma tal-Franġiskani, sħabu u wliedu, u huma bid-dehra tiegħu u minn kliemu, ħadu saħħa ġdida biex itemmu b'wiċċ il-ġid ix-xogħolijiet li għandhom f'idejhom u wara jibdew xogħlijiet ġodda, dejjem u kollox għas-sebħ tal-Bambin.

Hawn inġibu fil-qasir x'għamel il-Patri Ġeneral kemm dam fost il-Franġiskani sħabu ta' l-Art Imqaddsa u nibdew mill-Eġittu, fejn għandhom kemm il-knisja wkoll. Hekk, ħin wieħed, min jaqra jagħraf ix-xogħlijiet (ħafna minnhom, m'hux kollha, għax biex issemmihom kollha trid żmien wisq) li huma jagħmlu l-Franġiskani fl-artijiet tax-Xerq.

Il-Patri Ġeneral wasal il-Kajr fil-ħdax u nofs ta' bil-lejl, fis-6 ta' Awissu li għadda. Il-għada fil-għodu qaddes, u wara mar għamel żjara twila liċ-Ċentru ta' l-Istudji Orjentali li għandhom il-Franġiskani hemmekk.

Fit-8 tax-xahar, fil-għodu qaddes fil-Knisja ta' San Ġużepp, li għandhom il-Franġiskani hemm u telaq lejn Lixandra. Hemm żar dik li jgħidulha Opra Orjentali, għall-konverżjoni tal-Koptin Xiżmatki u l-Parroċċa ta' Ibrahimija.

Il-għada, qaddes fil-Knisja ta' Santa Katarina ta' Lixandra u raġa' telaq lejn il-Kajr. Mill-Kajr, fl-erbgħa u nofs wara nofs inhar telaq bl-ajruplan lejn Bejrut, fejn wasal fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija.

Fil-10 tax-xahar, qaddes fl-Ospizju ta' l-Art Imqaddsa u għamel żjara lill-Insara ta' Harissa. Fit-tlieta u nofs telaq bl-ajruplan lejn Ġerusalem. Wasal fil-mitjar ta' Kalandja fit-tlieta u nofs. Kotra kbira ta' nies u rjus kbar kienu jistennewh f'Bab il-Ħalil. Minn hemm mar bil-mixi u għamel id-Daħla fil-Knisja tad-Dejr il-kbir tal-Franġiskani, li jgħidulu San Salvatur. Il-

għada qaddes fuq il-Blata tal-Kalvarju u dar il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Wara nofs inhar għamel żjara lil Patrijarka Grieg Ortodoss u lil Patrijarka Armen u wara lil Patrijarka Latin, Franġiskan ukoll, Mons. Gori, O.F.M.

Fit-12 tax-xahar qaddes fil-knisja tal-Flaġellazjoni, żar l-iskola tal-Bibbja u l-Mużew tal-Antikità li l-Franġiskani għandhom f'dak id-Dejr. Żar lir-rajjes tal-Misilmin fil-Moskija ta' Għomar, il-Knisja tal-Lithostrotos tas-Sorijiet Lhud-Insara ta' Ratisbonne u l-knisja tar-Rħieb ta' Levigerie, jgħidulha ta' Sant'Anna, fejn twieldet il-Madonna.

Il-għada fil-għodu telaq lejn il-belt ta' Ġerko fejn il-Franġiskani għandhom Dejr żgħir u kappella. Mar ix-xmara tal-Ġordan u bierek il-kappella l-ġdida fuq xatt ix-xmara u wara qaddes fiha. Raġa' lejn Ġerusalem u wara nofs inhar għamel żjara lill-ħwienet tax-xogħol li jinsabu fil-btieħi tad-Dejr tal-Franġiskani li semmejna qa-



**IR-REV.MU PATRI WISTIN SEPINSKI, O.F.M.**
**Ministru Ġeneral tal-Franġiskani li żar l-Art Imqaddsa f'Awissu li għadda.**

bel, San Salvatur. Żar lil Casa Nova (bħal Lukanda bla flus li jżommu Ġerusalem il-Franġiskani għaż-żawwarin Insara) u żar ukoll iż-żewġt idjar li għandhom għat-tfal iltiema, subien u bniet, il-Franġiskani, f'Ġerusalem.

Fl-14, fil-għodu, qaddes ġewwa l-Qabar ta' Kristu, wara tala' fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ (Ġebel iż-Żejtun, kif jgħidulha hemm) żar id-Dejr u l-Knisja ta' Betfaġ, il-Knisja ta' San Lażżru f'Betgħanja u l-Bażilka tal-Ġetsemni. Wara għamel żjara ta' qima lil Ħakem Għarbi ta' Ġerusalem u lil Mons. id-Delegat Apostoliku. Wara nofs inhar għamel id-Daħla bil-kbir fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.

Fil-15 ta' Awissu, nhar Santa Marija, qaddes quddiesa kbira fil-Bażilka tal-Ġetsemni, li hi qrib il-Qabar tal-Madonna, u wara għamel żjara lil Qabar, li jinsab bħal issa taħt idejn il-Griegi.

Fis-16, qaddes fl-artal tad-Duluri (imsejħa mill-Għarab *Omm il-Għaġejjeb,* daqs kemm tagħti grazzi) fuq il-blata tal-Kalvarju. Wara nofs inhar mar Betlehem u fit-tlieta u nofs għamel id-Daħla tiegħu bil-kbir fil-Bażilka tat-Twelid. Ħadar il-purċissjoni li ssir hemm, mill-knisja għal Għar Imqaddes. Il-għada qaddes fil-Għar, fl-artal tal-Maxtura, u wara għamel żjara lil kappella l-ġdida li bnew il-Franġiskani fil-bur fejn kienu r-rgħajja ta' Bejt-Saħur, li raw l-ewwel nies il-Bambin. Raġa' lejn Ġerusalem, u billi kien il-Ġimgħa, ħadar il-Vija Sagra li jagħmlu l-Franġiskani mat-toroq ta' Ġerusalem, fit-tlieta ta' wara nofs inhar.

Is-Sibt fil-għodu mar Emmaws u qaddes fil-knisja ta' hemm. Żar l-iskola tat-tfal li sa jsiru Franġiskani, li tinsab hemmekk, u wara nofs inhar dawn it-tfal lil Ġeneral għamlulu naqra ta' *trattenimment,* jiġifieri qari ta' kliem ta' merħba b'ħafna ilsna, għana ta' poeżijiet u hekk. Il-għada fil-għodu qaddes fil-knisja ta' San Salvatur Ġerusalem u wara nofs inhar il-kbarat tal-beit marru jroddulu ż-żjara.

Fil-20 ta' Awissu, it-Tnejn, għamel il-Qagħda tal-Ġemgħa tar-Rħieb tal-Art Imqaddsa u seddaq bil-firma ta' ismu l-Atti tagħhom. Wara nofs inhar is-subjien iltiema ta' San Salvatur għamlulu trattenimment ukoll, bħal ma kienu għamlu qabel is-subjien ta' Emmaws.

Il-għada wara li qaddes għadda l-ħdud u ħareġ għan-naħa tal-Lhud, jiġifieri Israel. Ħemm għamel żjara liċ-Ċenaklu Mqaddes u lil knisja ta' fejn mietet il-Madonna (qegħda f'idejn il-Benedittini Ġermaniżi) u żar lil Ħakem Lhudi ta' Ġerusalem. Wara nofs inhar telaq lejn Nazaret, fejn kien milqugħ bil-purċissjoni, fis-sitta ta' filgħaxija. Fit-22 qaddes fil-Għar tal-Lunzjata u mbagħad dar dawra mal-belt u wara nofs inhar tala' fuq Ġebel it-Tabor, fejn il-Franġiskani għandhom biċċa art kbira u Dejr u Bażilka.

Il-għada qaddes fil-Bażilka tat-Tabor u minn hemm telaq għal Baħar ta' Tabarija. Żar il-knisja u d-Dejr tal-Franġiskani ta' hemm, mar żar il-fdal tas-Sinagoga ta' Kafar Naħum (dik li fiha kien jgħallem il-Bambin) li hi tal-Franġiskani; żar ukoll il-knisja tal-Beatitudni u raġa' lejn Nazaret.

Fl-24 qaddes fil-knisja tal-ħanut ta' San Ġużepp, Nazaret, u minn hemm telaq lejn Ħajfa. Żar lid-Dejr tal-Karmelitani fuq il-Muntanja u l-Għar ta' Sant'Elija. Minn hemm mar Ġaffa u żar il-knejjes tal-Franġiskani ta' San Pietru u Sant'Antnin. Għamel żjara ħafifa lil belt ta' Tel-Aviv. Minn hemm telaq lejn Ġerusalem u fit-triq għamel żjara lid-Dejr ta' San Ġużepp

t'Arimatija li l-Franġiskani għandhom fir-Ramle, minn hemm baqa' sejjer Għajn Karem fejn żar iż-żewġt idjura li hemm tal-Franġiskani, ta' Santa Liżabetta u tat-Twelid ta' San Ġwann. Minn hemm baqa' sejjer Ġerusalem u qasam il-ħdud għan-naħa tal-Għarab.

Il-għada, is-Sibt, 25 tax-xahar fil-ħdax ta' fil-għodu telaq lejn Bejrut. Minn Bejrut telaq lejn Damasku fejn għamlulu laqgħa sabiħa fid-Dejr ta' Sant'Antnin tas-Saliħija. Minn Damasku fis-sitta u għoxrin tax-xahar telaq bl-ajruplan lejn Ruma. U hekk intemmet iż-żjara tas-sultan tal-Foqra, il-Franġiskani, fis-Saltna tal-Karità.

P. VALENTIN CARDONA, O.F.M.

---

# IL-KURDUN

Frank, tabib żagħżugħ, Malti tal-Kajr, kien għadu kemm għalaq il-ktieb u qagħedu fuq mejda, meta stegħmet ċenpila tal-qanpiena tal-bieb u leħen ta' xebba minn isfel isejjaħlu. Kienet għarustu Mariosa, li ġiet biex joħorġu.

Frank bil-għaġla niżel ħdejn il-għarusa, li kienet liebsa l-aħjar ilbies għal ballu: ilbies fin u għani li kien joqgħod wisq ma' sbuħitha. Fuq sidirha kellha warda ħamra u f'idejha warda oħra, ħamra wkoll, imma ftit iċken mill-oħra. Mariosa resqet fuq Frank u waħħlitlu l-warda ż-żgħira fil-ħolqa tal-pavru. "Grazzi", qalilha Frank bi tbissima. "Warda tas-sew sabiħa!" Imbagħad ħarġu flimkien, iżommu id f'id, il barra.

Karozza ġdida kienet ħada l-bieb tistenniehom, u kif rikbu, ix-*chauffeur* saq lejn Hotel Sohar, fejn kien hemm il-ballu. Waslu malajr u telgħu fuq. Is-sala tal-ballu kienet imżejna mill-aħjar. Linef tal-ifjen żġieġ kienu jdawlu kull imkien. Il-fjuri fil-važuni mdendlin mal-ħitan kienu jarmu riħa ħelwa. L-orkestra kienet iddoqq "Sobre Las Ondas", u ġeġwiġija ta' lewnijiet tal-lbiesi tan-nisa, imħallta mal-iswed tal-lbiesi tar-rġiel, kienet titbandal mar-ritmu tad-daqq. Frank u Mariosa wkoll bdew jiżfnu.

Waqt iż-żfin, iż-żagħżugħ deher mitluf f'baħar ta' ħsebijiet, li kienu qegħdin jeħduh bgħid mis-sala taż-żfin. Mariosa ħarset f'għajnejh u ntebħet li ma kienx f'siktu. "Il-lejla m'intix bħal dari!" qaltlu. "Bil-kemm kellimtni tliet kelmiet mindu ltqajna, u anqas ma taf x'inti tiżfen!" Frank tbissmilha t-tbissima li kien jitbissem meta ma kienx ikun jaf x'jaqbad iwieġeb. Imbagħad, "Ejja nidħlu l-bar nieħdu xi ħaġa," qalilha, u daħlu l-bar biex jixorbu.

*　　*　　*

Frank kien ilu li ħa l-lawrja ta' tabib ftit aktar minn sena. Tliet xhur wara miet missieru. Iż-żagħżugħ qatt ma kellu ħajra tal-mediċina, iżda billi kien l-iben waħdani tal-familja, ma' żewġt ibniet, missieru riedu jsir tabib. Il-lawrja ta' tabib kienet tradizzjonali fil-familja, u s-sur Bert ma riedx li ibnu jiksirha. Frank kellu bil-qalb ittajba joqgħod għar-rieda ta' missieru; m'hux biss dan, imma kellu jitgħarras lix-xebba li ried missieru wkoll. Għax kien raġel li kelmtu fid-dar kellha tiġi mismugħa, u ħażin għalich min ma joqgħodx għal li jgħidlu hu. Frank, għal hekk, u la kellu ħajra li jsir tabib u wisq anqas li jiżżewweġ. Ix-xewqa li kellu minn żogħritu kienet li jagħti ħajtu lil Alla bħala saċerdot, u wara mewt missieru dis-sejħa aktar bdiet